



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

8365/21

LIMITE

AELE 25  
EEE 12  
ISL 11  
N 44  
FL 10  
PECHE 129

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja għal ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri tal-Istati taż-ŻEE-EFTA għall-koeżjoni soċjali u ekonomika fiż-Żona Ekonomika Ewropea

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...**

**ta' ....**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda,  
il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja  
għal ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri tal-Istati taż-ŻEE-EFTA  
għall-koeżjoni soċjali u ekonomika fiż-Żona Ekonomika Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 u l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim mal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja ("Stati taż-ŻEE-EFTA") dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri tal-Istati taż-ŻEE-EFTA għall-koeżjoni soċjali u ekonomika fiż-Żona Ekonomika Ewropea.
- (2) Bħala parti minn ftehim globali komprensiv u jekk invokat mill-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-qafas tan-negozjati dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri, jenħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li jinfetħu wkoll negozjati dwar l-aċċess għas-suq tal-UE għall-ħut u l-prodotti tas-sajd Iżlandiżi u Norveġiżi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati mal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja għal ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri tal-Istati taż-ŻEE-EFTA għall-koeżjoni soċjali u ekonomika fiż-Żona Ekonomika Ewropea u, bħala parti minn ftehim globali komprensiv, ftehim dwar l-aċċess għas-suq tal-UE għall-ħut u l-prodotti tas-sajd Iżlandiżi u Norveġiżi.
2. In-negozjati għandhom isiru abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li jaġixxi bħala Kumitat speċjali taħt l-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi .... ,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

